

Brussell, 6 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14743/23

CO EUR-PREP 37

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (14 u 15 ta' Diċembru 2023) – Abbozz ta' aġenda annotata

F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Preidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.

I. UKRAJNA

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u l-appoġġ kontinwu tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha.

II. LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għas-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

III. TKABBIR

Il-Kunsill Ewropew ser jiġi mistieden jindirizza t-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni u passi ulterjuri li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward.

IV. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027

Wara d-diskussjoni fil-Kunsill Ewropew f'Ottubru, il-Kunsill Ewropew ser jagħti segwitu għar-reviżjoni proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 bl-għan li jintlaħaq qbil.

V. SIGURTÀ U DIFIŻA

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sigurtà u d-difiża u jagħti gwida addizzjonali.

VI. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Fid-dawl tal-avvenimenti, il-Kunsill Ewropew ser jindirizza kwistjonijiet speċifiċi ta' politika barranija.